**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

**Seduta tas-16 ta' Frar, 2018**

**Avviz nru: 237/2017 AM3**

**Numru fuq il-lista: 43**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**MRS1501**

**Vs**

**Maltempi Egizia (144321A)**
**57, Capaqua,**
**Triq Censu Busuttil,**
**Fgura**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-09 ta' Mejju, 2017 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenuta s-somma ta' erba' mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€482.54c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40555041.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda bil-gurament ta' Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li permezz tieghu kkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li fis-seduta tal-lum r-rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonfermat li l-ammont ghadu dovut, t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€482.54c) bl-imghaxijiet legali mid-data l-ittra ufficjali it-12 ta' Awwissu, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**